**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 24 ta' Jannar, 2019**

**Rikors Guramentat Nru: 549/2018 AF**

**JR Enterprises Limited (C-10980)**

**vs**

**Attrans Limited (C-8520)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' JR Enterprises Limited, li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Is-socjetà attrici impurtat u xtrat prodotti tax-xaghar minn l-Olanda sabiex jigu Malta. Dan ix-xoghol kien jiswa eluf ta' ewro kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza.

Dina l-merkanzija nxtrat minghand is-socjetà Olandiza Keune Haircosmetics Export B.V.

Is-socjetà intimata kienet fdata u nkarigata bit-trasport tal-imsemmija prodotti u accettat li tittrasporta l-imsemmija merkanzija minn l-Olanda ghal Malta.

L-imsemmija merkanzija kellha titlaq f'Awwissu 2017 u titwassal Malta f'dawk iz-zminijiet.

Però ghajr ghal xi ammont zghir hafna tal-merkanzija, l-istess ma waslitx ghand is-socjetà rikorrenti ghaliex skond is-socjetà initmata il-container li go fih kienet qed tingarr il-merkanzija kien ha n-nar u l-prodott/merkanzija giet kollha distrutta.

Kawza ta' dana l-agir negligenti, s-socjetà rikorrenti sofriet danni kbar konsistenti fit-telf tal-merkanzija in kwistjoni u l-qliegh li kien isir mill-eventwali bejgh tal-merkanzija msemmija.

Minkejja li interpellata sabiex tersaq ghall-assunzjoni u likwidazzjoni tad-danni s-socjetà intimata baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li s-socjetà intimata hija responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjetà rikorrenti, konsistenti fid-distruzzjoni ta' merkanzija li kellha tigi trasportata mis-socjetà intimata minn l-Olanda ghal Malta, liema merkanzija baqghet qatt ma giet kkonsenjata stante li kienet distrutta, kawza ta' negligenza.

2. Tillikwida d-danni hekk sofferti jekk mehtieg bl-opera ta' periti nominandi. Jigi kjarifikat li s-socjetà rikorrenti qed tippretendi sia l-valur tal-merkanzija kif ukoll it-telf ta' qliegh minn l-istess stante li l-merkanzija kienet intiza biex tigi mibjugha u negozjata.

3. Tordna lis-socjetà intimata thallas id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez, bl-imghax mill-prezentata tal-ittra ufficjali datata 2 ta' Marzu 2018, u b'hekk is-socjetà intimata tibqa' ngunta ghas-subizzjoni.

Rat illi, minkejja li saret lilha d-debita notifika, Attrans Limited baqghet ma wegbitx ghall-kawza. Lanqas ma qatt deher ebda rapprezentant taghha ghad-diversi appuntamenti ghas-smiegh tal-kawza.

Rat li l-istess socjetà intimata ma pprezentat ebda sottomissjonijiet bi-miktub minkejja li giet moghtija din il-fakoltà fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2018.

Rat id-dokumenti esibiti.

Semghet xhieda viva voce.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza J R Enterprises Limited qed titlob lill-Qorti tiddikjara lil Attrans Limited responsabbli ghal telf li sofriet meta din tal-ahhar naqqset milli tikkonsenja merkanzija li kienet inkarigata ggorr mill-Olanda. Attrans Limited ma pprezentat ebda twegiba.

Doveruz jigi enfasizzat mill-Qorti l-insenjament kostanti ta' dawn il-Qrati illi l-kontumacja ta' persuna mharrka mhijiex meqjusa bhala ammissjoni tat-talbiet u jibqa' dejjem jinkombi fuq ir-rikorrenti li jipprova b'kull mod li taghtih il-ligi li t-talbiet tieghu huma gustifikati.

Fil-kaz in ezami, J R Enterprises Limited issodisfat il-vot tal-ligi b'dana illi ppruvat ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti li t-talbiet taghha huma misthoqqa. Etienne Rapinett, rapprezentant tas-socjetà rikorrenti ikkonferma dak li gara kif ammess minn e-mail ta' Bernard Farrugia ghan-nom ta' Attrans, u dan gie sorrett anke minn rapport fil-gurnali, kif ukoll illi meta l-container ta' Attrans Limited inqered bin-nar, huma tilfu b'kemm jiswew €89,074.02 f'merkanzija. Din ic-cifra hija wkoll sostanzjata bid-dokumentazzjoni esibita.

Ma tressqet ebda prova ta' telf ta' qliegh.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba ta' J R Enterprises Limited kif dedotta; tilqa' t-tieni talba u

tillikwida d-danni fl-ammont ta’ €89,074.02 (disa’ u tmenin elf u erba’ u sebghin Ewro u zewg centezmi); tilqa’ t-tielet talba u tordna lil Attrans Limited thallas lil J R Enterprises Limited is-somma ta’ €89,074.02 (disa’ u tmenin elf u erba’ u sebghin Ewro u zewg centezmi), bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitlub fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Attrans Limited (C-8520).

IMHALLEF

DEP/REG